

## Il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni kien twaqqaf minn Ġ tal-Girgenti fl-1986. X'wassal għat-titli Madonna tal-Konsagraz Joe Chetcuti tkellem għall-ġurnal Il-Mument ma' Dr Sylvana Sp u li kienet qrib ħafna ta' Ġuża Mifsud.

**Joe Chetcuti**

**Min hija Ġuża Mifsud.**

"Jien ma jien xejn. Jien ix-xejn aħjar minni!" Hekk kienet twieġeb Ġuża Mifsud lil min kien jistaqsiha xi ħaġa dwarha. Imma jiena kelli x-xorti li lil Ġuża kont nafha b'mod dirett għal tlettax-il sena u bla tlaqliq nista'ngħid li kienet bniedma ta' fidi kbira fil-Mulej u ta' mħabba kbira lejn il-proxxmu tagħha. Il-fidi li kellha kienet timliha b'kuraġġ u ma taqtax qalbha sabiex saħansitra tibgħat ittri lill-Presidenti u Prim Ministri kemm Maltin kif ukoll barranin. F'kollox kienet determinata li taqdi lil Alla, f'dak li kienet tħoss li kienet il-missjoni tagħha fuq din l-art. Kienet mara mimlija bl-imħabba ta' Alla, ma tistax tifhem kif mhux kulħadd iħobb lil Alla b'qalbu kollha u kif hawn min iweġġagħlu qalbu bi kliemu u b'għemilu. Ħajjitha kienet talba waħda għall-konverżjoni tal-midinbin u għall-paċi fid-dinja. Kienet persuna li tħobb lil kulħadd, tilqa' lil kulħadd f'darha, dejjem lesta li tagħti kelma ta' komfort skont kif meħtieġ. Tant kienet tħobb lill-proxxmu tagħha li għaliha kulħadd kien qisu tal-familja, taqsam il-ftit li kellha ma' kulħadd, kulħadd kien għaliha "oħti" jew "ħija" fi Kristu. Kienet mara mimlija bi spiritwalità kbira, wiċċha jixgħel meta titkellem fuq il-Mulej... għalija kienet qaddisa minn din l-art.

**Ġuża Mifsud hija magħrufa għad-devozzjoni li xerrdet lejn il-Madonna, b'mod speċjali lejn it-titlu Madonna tal-Konsagrazzjoni. Minn fejn ġie dan it-titlu?**

Sa minn dejjem Ġuża kienet magħrufa ma' ħafna nies għat-tjubija tagħha. Kienet membru f'diversi għaqdiet fosthom l-Azzjoni Kattolika, Figlie di Maria, l-Lampa l-Ħajja eċċ. Kien hemm min forsi stagħġeb jew kien xettiku meta fl-1983 bdiet tinxtered l-aħbar li Ġuża tara l-Madonna. Imma naħseb li għal dawk li kienu jafu lil Ġuża sew, kienet kważi xi ħaġa naturali li l-Mulej jitfa' l-ħarsa tiegħu fuq din ix-xebba umli, imma b'qalb kbira lejh u lejn il-proxxmu tagħha.

Ġuża bdiet titkellem fil-pubbliku dwar it-titlu Madonna tal-Konsagrazzjoni f'Novembru 1983, iżda fil-verità dan it-titlu jaf il-bidu tiegħu fis-snin ħamsin. Hija tgħid li meta kienet fil-kamra tas-sodda rat viżjoni ta' mara b'tarbija fi ħdanha. Tgħid li din il-mara qaltilha biex tibda xxerred devozzjoni lejn it-titlu Madonna tal-Konsagrazzjoni għax għalkemm hi (l-Madonna) kienet ikkonsagrata sa minn ċkunita lil Alla, imma ħadd fid-dinja ma ta dan it-titlu. Ġuża tkompli tgħid li l-Madonna qaltilha wkoll biex tagħmel tpinġija ta' din il-viżjoni. Ġuża kkonfondit għax ma kinitx taf tpinġi, imma tgħid li l-Madonna qaltilha biex tieħu santa li kellha fil-ktieb tat-talb u tadattha biex iġġibha tixbaħ kif kienet qed taraha fil-viżjoni. Għalhekk l-għada filgħodu meta ommha marret għal quddies, Ġuża qabdet biċċa ġibsa ħamra u pinġiet il-libsa, biro kaħla u pinġiet il-mant u lapes biex tagħmel il-kuruna. Meta skużat ruħha mal-Madonna għall-mod kif pinġietha, tgħid li l-Madonna qaltilha li kienet tpinġija tajba ħafna, id-difetti li kien hemm ippermettiethom hi stess biex ikunu xhieda li din it-tpinġija saret minn idejn foqra u umli.

Ġuża tkompli tgħid li ħadet din it-tpinġija għand Blackman, il-Ħamrun, u minn fuqha

---

**Kien hemm min forsi stagħġeb jew kien xettiku meta fl-1983 bdiet tinxtered l-aħbar li Ġuża tara l-Madonna. Imma naħseb li għal dawk li kienu jafu lil Ġuża sew, kienet kważi xi ħaġa naturali li l-Mulej jitfa' l-ħarsa tiegħu fuq din ix-xebba umli, imma b'qalb kbira lejh u lejn il-proxxmu tagħha.**

---

# Ħajjitha talba waħda

## ...għall-konverżjoni tal-midinbin u għall-paċi fid-dinja



(Ritratt: Martin Agius)

**Ġuża Mifsud, magħrufa bħala ...zzjoni u Madonna tal-Girgenti? ...Spiteri, Segretarja ta' dan il-Moviment**



Ġuża Mifsud (1923-1996)

għamel ritratt kbir u kiteb ukoll il-kliem Madonna tal-Konsagrazzjoni kif qaltlu hi. Dan l-inkwadru baqa' misteru sal-1983, meta mbagħad ħafna nies bdew jiffrekwentaw id-dar ta' Ġuża u jitolbu quddiemu. Minn dakinhar, saru mijiet ta' eluf ta' santi bil-Malti u l-Ingliz li tqassmu mad-dinja kollha.

**Xi jfisser għalik dan it-titlu Madonna tal-Konsagrazzjoni?**

Il-Madonna kienet offriet ħajjitha lill-Mulej, ikkonsagrat

**Il-fidi li kellha kienet timliha b'kuraġġ u ma taqtax qalbha sabiex saħansitra tibgħat ittri lill-Presidenti u Prim Ministri kemm Maltin kif ukoll barranin.**

lilha nfisha lill-Mulej sa minn ċkunitha. Dejjem għamlet ir-rieda Tiegħu f'kollox. Jiena nifhem li hi trid tkun ta' eżempju għalina biex aħna ma naqtgħux qalbna fil-ħajja tagħna u li f'dak kollu li nagħmlu dejjem naħsbu kif ser nogħġbu lill-Mulej, ngħixu r-rieda Tiegħu, inħalluh jaħdem fina...

**X'nifhmu meta ngħidu l-Madonna tal-Girgenti?**

Sa mill-5 ta' Mejju 1986, minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti, ħafna nies bdew jiffrekwentaw dan il-post. Imma Ġuża Mifsud tgħid li hi ma tellgħetx l-istatwa tal-Madonna hemmhekk minn rajha. Fil-fatt tgħid li fis-snin ħamsin, wara li kienet tgħin lil tal-familja fix-xogħol tar-raba', f'nofsinhar kienet tinżel fil-wied tal-Girgenti tiekol xi biċċa ħobż bit-tadam u xi ġbejna u darba minnhom tara bħal berqa. L-ajru kien ċar għax kien lejliet l-Imnarja. Imbagħad tara dawl kbir fuq siġra tan-naspli li kien hemm f'dan il-wied. Mal-ħin bdiet tara ċ-ċaqliq f'dan id-dawl. Tgħid li kienet il-Madonna li qaltilha biex ikomplu jitolbu flimkien ħalli jpattu għad-dnubiet li kienu ser isiru waqt il-festa tal-Imnarja.

Tgħid li dakinhar lill-Madonna kienet ratha liebsa libsa bajda u mant ċelesti. Ġuża kienet għamlet tpinġija ta' din il-viżjoni u tatha l-isem tal-post fejn kienet ratha. B'hekk ġie t-titlu Madonna tal-Girgenti. Tgħid ukoll li kienet il-Madonna stess li qaltilha li trid statwa tagħha f'dawk l-inħawi. Tletin sena wara, fis-snin tmenin, Monsinjur Salvatore Grima li kien id-Direttur Spiritwali tagħha, kellem lill-iskultur Anton Agius u dan ħadem l-istatwa tal-Madonna minn fuq it-tpinġija li kienet għamlet Ġuża stess. Oriġinarjament l-istatwa kienet kulur it-terracotta, iżda sfortunament xi ħadd mhux magħruf u bla permess kien tela' u żebgħa l-istatwa. Is-sħana tas-sajf Malti ma hi xejn ħanina u ż-żebgħa tfaqqa' u titqaxxar. L-istatwa kellha tinżebagħ diversi drabi u sfortunament issa tinsab fi bżonn ta' restawr qawwi biex nerġgħu narawha fl-istat oriġinali tagħha. Nittamaw li dan ix-xogħol jibda fix-xhur li ġejjin.

**Kemm hi mifruxa d-devozzjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tal-Girgenti?**

Nista' ngħid li f'Malta u Għawdex ftit huma dawk li qatt ma semgħu b'dawn it-titli. Hemm min jiffrekwenta l-post b'mod regolari, fil-fatt kull meta titla', lejl u nhar, tista' tgħid li dejjem ser issib in-nies, hemm min tela' darba u hemm minn forsi sa issa għadu ndifferenti. Li hu żgur li kull min żar id-dar ta' Ġuża Mifsud, fejn hemm l-inkwadru tal-Madonna, jew min tela' l-Girgenti, ħass serenità kbira, paċi tal-qalb kbira.

Iżda d-devozzjoni mhix limitata biss għal Malta. Hemm ukoll devozzjoni f'diversi pajjiżi barranin fosthom l-Amerka, l-Awstralja, il-Kanada, l-Asja u nħawi oħra. Xhieda ta' dan huma l-kummenti li jħallu d-devoti tal-Madonna fuq il-paġna ta' Facebook, l-intenzjonijiet li nintalbu nagħmlu waqt il-laqgħat, talbiet għal santi, eċċ.

Il-websajt tal-Moviment www.ourladyofconsecration.org li tikkomprendi informazzjoni b'seba' lingwi differenti wkoll tagħti s-sehem tagħha sabiex id-devozzjoni lejn il-Madonna tkompli tinxtered.

**Għadhom isiru attivitajiet b'risq din id-devozzjoni?**

Sa qabel il-pandemija tal-Covid, kien ikun hemm laqgħat ta' talb organizzati kemm b'mod privat, kif ukoll mill-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, li kien jorganizza dawn il-laqgħat fil-Girgenti kull l-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar. Minn April 'l hawn il-laqgħat ma baqgħux isiru aktar mill-Girgenti imma jittellgħu fuq il-paġna tal-Facebook Madonna tal-Konsagrazzjoni. Wieħed jista' jżomm ruħu aġġornat billi jikkonsulta din il-paġna.

Madankollu, il-Girgenti huwa post miftuħ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u wieħed jista' jmur ħdejn il-Madonna b'mod privat filwaqt li jħares id-direttivi



Il-Madonna tal-Girgenti kif impinġija minn Ġuża Mifsud



Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni kif impinġija minn Ġuża Mifsud li kienet tgħid li l-Madonna qaltilha li kienet tpinġija tajba ħafna u d-difetti li kien hemm ippermettiethom hi stess biex ikunu xhieda li din it-tpinġija saret minn idejn foqra u umli

tad-Dipartiment tas-Saħħa.

Minħabba l-pandemija, il-gruppi li kienu jiġu jżuru d-dar fejn kienet toqgħod Ġuża Mifsud u jingħataw informazzjoni dwarha u dak li kienet tgħid Ġuża, ukoll twaqqfu temporanjament.

Apparti minn hekk, il-fuljett Leħen il-Girgenti li joħroġ kull tliet xhur, xorta baqa' joħroġ imma flok stampat, jittella' onlajn fuq il-paġna tal-Facebook. Il-ħarġiet kollha ta' dan il-fuljett wieħed jista' jaqrahom ukoll fuq il-website: ourladyofconsecration.org.

**Kif wieħed jista' jingħaqad u jgħin lill-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni?**

Biex iżżur il-Girgenti jew id-dar ta' Ġuża mhux bilfors tkun membru tal-Moviment. Madankollu wieħed jista' jittessera ruħu u jsir membru. Dan jagħmlu billi jimla formola bi ftit dettalji personali u tinħariġlu tessera li tintbagħat bil-posta. M'hemmx miżati jew spejjeż involuti biex issir membru. Naturalment bħala membru wieħed ikollu xi obbligi fosthom li jxerred devozzjoni lejn il-Madonna u li jikkonsagra ruħu lilha u li jitlob għall-membri ħajjin u mejtin tal-Moviment.

Kull għajnuna, mhux biss dik finanzjarja, tkun apprezzata. Inħeġġeġ lil dawk li jaħsbu li jistgħu jagħtu sehemhom biex il-Moviment ikompli jikber sabiex javvicinawni permezz tal-email: ourladyofconsecration@gmail.com. Nassigurakom li kulħadd jista' jaħdem għall-akbar glorja tal-Mulej.



Sa mill-5 ta' Mejju 1986, minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti, kull meta titla' lejl u nhar f'dan il-post mill-isbaħ, dejjem ser issib in-nies (Ritratt: Martin Agius)